# ĠAKBU L-GĦAMA

Ġakbu l-għama kien miġjub wisq ir-raħal. Xi sold kellu għax niesu kienu tat-tajjeb u għalhekk ma kien idejjaq lil ħadd. Terġa', moħħu kien jilħaqlu ġmielu u n-nies erħilha għal għandu biex isserraħħha minn xi salib. U billi xi salib il-lum jew għada jiġi fuq kullħadd tista' tgħid li ma kienx hemm bniedem fir-raħal li ma kienx iħobbu lil Ġakbu.

Toni tal-Ħaġra biss kellu għalih... u bl-ikrah tassew. Ma kienx jista' jarah għaddej mit-triq itektek fuq daqxejn ta' għasluġ magħmul minn żokk ta' siġra, li ma jħossx demmu ibaqbaq u riġlejh jikluh biex ifixklu fi triqtu. Imma ħej in-nies għandha għajnha u lil Toni ftit jew xejn kienet taħmlu.

Mhux għax Toni tâ' min ilumu. Kif seta' jinsa x'ħarġa ta' ħmar ħarġu dak il-ħali ta' Ġakbu. Il-mewt biss setgħet tnessih.

Mela Toni, darba, sab ruħu fin-niexef u ħtieġlu jissellef kemxa flus minn għand Pawlu taċ-Ċnejs.

"Intihomlok fuq li ntihomlok" qallu lil Pawlu "għax raġel inti u raġel jiena". Imma Pawlu ġiebha bi kbira u ried ix-xiehda. Billi Toni kien tassew fil-bżonn ma qadx iġibha fit-tul, ix-xiehda ġew u l-ftehim sar quddiemhom.

Għadda żmien bi żmien u Toni m'hemmx li jħallas. Ir-riħ ħaraqlu wiċċ ir-raba' kollu, kien igerger, u ħabba li ħabba ma setgħax ilaqqat. Sa hawn kollox sew. Pawlu stenna ftit ieħor. Imma x-xitan dejjem ħabib tal-ħżiena. Tûl daż-żmien ix-xiehda mietu t-tnejn. Toni ħaseb li ġietu x-xoqqa f'moxtha. Beda jiċħad li ssellef il-flus.

Tistgħu taħsbu kif baqa' Pawlu. Bil-kemm ried jemmen li Toni ma kienx qgħed jiċċajta. Meta ra li Toni ssokta jiċħad, sibel bl-ikrah u beda jredden il-jum kollu x'sejjer jagħmel.

In-nies semgħet għax Pawlu ma kellux fommu sieket. Xi wħud qalulu biex iħarrek lil Toni. Imma Pawlu ma kienx ta' sebgħu f'ħalqu, fil-qorti ftit kien jafda. "Idewmuk ix-xhur u jekk tirbaħ erħilek tħallas spejjes kif ġie ġie."

Il-kappillan tar-raħal xamma tinten l-affari u beża' li jinqala' xi għawġ kbir. Ħadd wieħed wara l-quddiesa sab lil Pawlu u lil Toni. Tħabat biex iġġħalhom jiftehmu. Kollu għalxejn. Fl-aħħar qallhom: "Taf x'nagħmlu, ingħidu kollox lil Ġakbu u jaqtagħha hu". Pawlu ma qalx le. Lil Toni m'għoġbitux wisq imma bejnu u bejn ruħu qal: "U iva wara kollox la mietu x-xiehda Ġakbu x'jista' jagħmel?! Aħjar hekk milli mmorru quddiem il-Maġistrat. Toħroġ għaġeb dawn il-Maġistrati kemm huma ġrieden xjuħ. Il-kotba jgħidulhom kollox." Għalhekk Toni fl-aħħar qal iva huwa wkoll.

Erħewlha għal għand Ġakbu li kien q'ed jixxemmex fuq iz-zuntier. In-nies li rathom fl-imkien malajr fehmet x'ġej u bdew jitrassu dwar il-għama.

Pawlu u Toni bdew jitlewwmu quddiemu. Kull wieħed igħid tiegħu.

"Tajjeb", wieġeb Ġakbu, "Issa naraw, Alla qatt ma ħamel il-qerq. Min jagħmel is-sew, isib is-sew."

Dar lejn Pawlu u qallu: "Il-ftehim fejn sar?"

"Fuq ħaġra ħdejn il-għorfa tiegħi."

"Mela mur u ġibha." Pawlu qabad sa jgħid xi ħaġa, imma Ġakbu żammu u kellu jerħilha għall-għorfa. Toni beda jitbissem, donnu ser itir bil-ferħ.

Stenna u ġib min jistenna, il-ħaġra m'hemmx li tasal. Għaddiet kwarta, siegħa, sagħtejn u kullħadd beda jixba' jistenna.

"Wara kollox dil-ħaġra għal fejn" bdew igergru.

Toni ried jitlaq għax il-ħîn beda jagħfas sewwa. "Lè" qallu Ġakbu "inti tibqa' hawn sakemm Pawlu jġib il-ħaġra."

Toni telgħelu. "U x'ħaġra ħaġra ta' rasek" qabad igħajjat. "Kif tridu jġibha daqs kemm hi tqila."

Ma laħaqx spiċċa li Ġakbu ma darx fuqu. "Inqlejt b'żejtek, Ton, mela l-ftehim sar tassew. Newwel l-hawn il-flus tas-self."

In-nies daħket fuq li daħket u l-imsejken Toni kellu bħal ħmar inewwel il-flus. Minn dak in-nhar baqgħu jgħidulu "Tal-Ħaġra."

Iva, in-nies kollha ġġibu lil Ġakbu; Toni biss... eh Toni x'ma jixtieqx jagħmillu lil Ġakbu!

Ros. Briffa.